MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar

**Laqgħa Numru 13 – 4 Leġiżlatura**

**It-Tnejn 12 ta' Diċembru 2022**

Il-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv fi 28 Ċentru Parrokkjali, Triq San Edwardu, Ħal Qormi, u b'mod virtwali fil-5.30 pm.

PREŻENTI FL-UFFIĊĊJU:

| | |
|---|---|
| President | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Deputat President/Sindku Gudja | Is-Sa Marija Sara Vella |
| Sindku Żejtun | Is-Sa Doris Abela |
| Sindku Birżebbuġa | Is-Sur Scott Camilleri |
| Sindku Marsaxlokk | Is-Sur Steven Grech |
| Sindku Ħamrun | Is-Sur Christian Sammut |
| Sindku Ħal Għaxaq | Is-Sur Darren Abela |

PREŻENTI B’MOD VIRTWALI:

| | |
|---|---|
| Sindku Santa Venera | Is-Sur Stephen Sultana |
| Sindku Marsaskala | Is-Sur Charlot Mifsud |
| Sindku Santa Luċija | Is-Sa Charmaine St John |

ASSENTI B’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

| | |
|---|---|
| Sindku Marsa | Is-Sur Josef Azzopardi |

ASSENTI

| | |
|---|---|
| Sindku Ħal Qormi | Is-Sur Josef Masini Vento |
| Sindku Ħal Luqa | Is-Sur John Schembri |

UFFIĊJAL PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Philip Carabott | Segretarju Eżekuttiv |

# Minuti

Il-President is-Sur Jesmond Aquilina ippresjeda l-laqgħa.

## 13.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

13.1.1 Il-President qara ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sindku tal-Marsa fejn ta r-raġuni għaliex ma setax jattendi.

13.1.2 Il-Membri preżenti approvaw l-apoloġija b'mod unanimu.

## 13.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

13.2.1 Il-President ressaq il-Minuti tat-tnax-il (11) laqgħa tal-Kunsill Reġjonali għal din il-leġiżlatura, li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant, ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

13.2.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sur Scott Camilleri u ssekondata mis-Sur Steven Grech, il-Membri Kunsill Reġjonali approvaw b'mod unanimu l-Minuti msemmija.

## 13.3 Komunikazzjoni mill-President;

**- Reġjun Kulturali 2023**

13.3.1 Il-President qal li fil-jiem li għaddew intbagħat invit lis-Sindki għaċ-ċerimonja tal-ftuħ uffiċjali tas-sena tar-Reġjun Kulturali 2023 li se ssir fit-13 ta' Jannar 2023 fil-Kappella ta' Bir Miftuħ. Qed jintbagħat invit ukoll għall-ewwl attività li se ssir fl-14 ta' Jannar 2023 li se ssir fit-teatru tar-Residenza San Vinċenz de Paule.

**- Waste Reduction Week 2022**

13.3.2 Il-President semma' kif waqt l-attività tal-Waste Reduction Week, inġabru aktar minn tliet tunellati ħwejjeġ minn diversi skejjel madwar ir-reġjun. Il-ħwejjeġ li huma f'kundizzjoni tajba qed jitqassmu lil numru ta' istituzzjonijiet tal-karità u dawk li mhumiex f'kundizzjoni tajba qed imorru għar-riċiklaġġ.

**- Southern Region Local Council's Race**

13.3.3 Il-President qal li uffiċjali mill-Equidrome se jkunu qed jiltaqgħu mas-Sindki fil-laqgħa tal-Kunsill Reġjonali f'Jannar li ġej.

**- Evalwazzjoni u studju dwar l-impatti soċjali**

13.3.4 Il-President irrefera għal dan l-istudju u qal li l-kuntratt ġie ffirmat u bdew laqgħat mal-Università ta' Malta u mar-Research Officer li ġiet appuntata fuq it-tmexxija tal-proċess. L-istudju se jibda fil-bidu tas-sena d-dieħla.

**- Tender għal servizz ta' Accountant mal-Kunsill Reġjonali**

13.3.5 Il-President qal li l-offerti sottomessi fit-tender infetħu u beda l-proċess tal-evalwazzjoni mill-bord appuntat għal dan il-għan.

13.3.6 **- Espressjoni ta' interess għal żvilupp u titjib ta' latrini pubbliċi**

Il-President irrefera għal din l-iskema u qal li l-Kunsill Reġjonali ġie infurmat mill-SPI li l-applikazzjoni sottomessa minnu ġiet aċċettata. Matul il-ġimgħat li ġejjin se jkunu qed jgħaddu l-fondi lill-Kunsill Reġjonali marbuta ma' din l-inizjattiva. Fil-bidu tas-sena li ġejja, il-Kunsilli Lokali se jintalbu jressqu proposti għal proġetti fuq latrini fil-lokalità tagħhom u

bord appuntat se jkun qed jagħżel minnhom skont il-punteġġi li jiksbu mill-kriterji li se jintalbu.

## 13.4 Skeda ta' Pagamenti;

13.4.1 Il-President ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 12/22A u 12/22B li ġew iċċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

13.4.2 Wara mozzjoni mressqa mis-Sa Marija Sara Vella u ssekondata mis-Sa Doris Abela, il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija.

## 13.5 Kuntratt tal-Ġbir tal-iskart Domestiku fuq Bażi Reġjonali;

13.5.1 Il-President semma' li mit-02 ta' Jannar 2023, il-ġbir tal-iskart domestiku fil-lokalitajiet kollha tar-reġjun se jibda jsir mill-kuntrattur li ntgħażel wara l-ħruġ tas-sejħa pubblika. Il-Kunsilli Lokali għandhom jagħmlu kuntatt mal-kuntrattur il-ġdid sabiex jiddiskutu u jippjanaw ir-rotot tal-ġbir tal-iskart fil-lokalità tagħhom mill-aktar fis. Dawk li jonqsu li jressqu l-workplan tagħhom se jkun qed jitfassal workplan għal-lokalità tagħhom mill-kuntrattur u mill-Kunsill Reġjonali. Dawk il-Kunsilli Lokali li jixtiequ jżidu xi servizzi addizzjonali minn dak li kien hemm fis-sejħa, għandhom jiddiskutu dan u jilħqu qbil mal-kuntrattur il-ġdid. Iż-żieda fil-prezz għas-servizz addizzjonali trid tintrefa' mill-Kunsill Lokali rispettiv u se tkun qed tiżdied mal-prezz li se jkun qed jintalab lilhom mill-Kunsill Reġjonali.

13.5.2 Il-President saħaq fuq l-importanza li meta l-Kunsill Reġjonali jibgħat l-invoice għas-servizz provdut mill-kuntrattur, jiġi vverifikat l-ammont fl-iqsar żmien possibbli ħalli jkun jista' jitħallas il-kuntrattur. Il-Kunsilli Lokali għandhom jirrimborsaw lura l-ammont lill-Kunsill Reġjonali minnufih ħalli ma jixxekkilx il-proċess tal-ħlas u l-Kunsill Reġjonali ma jinqabadx mingħajr riżorsi finanzjarji. Hu fakkar li servizz kuntrattwali m'hemmx għalfejn jistenna l-laqgħa tal-Kunsill u jista' jitħallas fil-ħin. Jekk xi Kunsill Lokali jonqos li jgħaddi l-ħlas dovut minnufih lill-Kunsill Reġjonali, hemm ċans li l-ammont dovut jitnaqqas mill-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsill Lokali sabiex ikun jista' jitħallas il-kuntrattur.

## 13.6 Affarijiet Oħra;

**- Ringrazzjament lill-Membri**

13.6.1 Il-President qal li din hi l-aħħar laqgħa tal-Kunsill Reġjonali għal din is-sena, għalhekk irringrazzja lil kulħadd għall-impenn u l-isforzi tiegħu matul is-sena. Hu ta l-awguri tiegħu lil dawk kollha preżenti.

13.6.2 Il-Membri preżenti rringrazzjaw lill-President u taw l-awguri tagħhom.

## 13.7 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss;

13.7.1 Il-laqgħa ntemmet fis-19.05 u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 12 ta' Jannar 2023 fil-5.30 pm.

Konfermati llum ______________________.

Jesmond Aquilina
President

Philip Carabott
Segretarju Eżekuttiv